# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, il-Ġimgħa 16 ta' Frar, 2018

**Rik. Nru. 91/18JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 91/18 fl-ismijiet:

Philip **BORĠ**

vs

**L-AWTORITA' TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**, Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi Ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika; u Dipartiment tal-*Animal Welfare*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-17 ta' Jannar, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li l-Qorti żżomm lill-intimati milli jwaqqgħu l-fond li jinsab fl-Imrieħel, limiti ta' Ħ'Attard, Triq Notabile, bl-isem ta' "*Fino Factory*" u li jneħħu mill-imsemmi fond l-annimali tal-istess rikorrent;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Jannar, 2018, ordnat in-notifika lill-intimata b'għaxart ijiem għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-15 ta' Frar, 2018;

Rta id-degriet tagħha tas-17 ta' Jannar, 2018, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju għall-finijiet tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' intimata (aktar 'il quddiem imsejħa "MEPA") fis-26 ta' Jannar, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talba tar-rikorrent billi qalet li t-talba ma tistax tintlaqa' għaliex, fl-ewwel lok, il-liġi tgħid li ma jistgħux jintlaqgħu talbiet ta' din l-għamla meta hija tkun qiegħda twettaq azzjoni diretta ta' infurzar. Iżżid tgħid li t-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan ma tista' qatt tintlaqa' biex persuna żżomm fis-seħħ stat ta' illegalita' maħluq minn kostruzzjoni mhux koperta bil-permessi ta' żvilupp meħtieġa. Bil-proċedura mnedija minnu, ir-rikorrent irid li jikseb jedd li ma għandux u biex jipprova jxejjen l-effetti tal-Avviż Biex Tieqaf u ta' Twettiq li ħarġet kontrih fit-2 ta' Awwissu tal-2017, u dwar liema Avviż ir-rikorrent ma nqediex f'waqtu bil-proċeduri rimedjali li tagħtih il-liġi;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula minn rappreżentant tal-MEPA waqt is-smigħ tal-15 ta' Frar, 2018, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref avukat difensur tar-rikorrent waqt l-istess smigħ li bih iddikjara li kien qiegħed jirrinunzja għat-talba għall-ħruġ tal-Mandat fir-rigward taż-żewġ intimati l-oħrajn, ladarba sa dakinhar, huma kienu għadhom ma laqgħux in-notifika tal-atti u, f'kull każ, billi l-annimali kollha li kellu r-rikorrent kienu laħqu ttieħdu mill-fond imsemmi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Frar, 2018, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrent irid iżomm lill-MEPA ma tagħmel tibqa' twettaq azzjoni ta' infurzar li bdiet f'fond miżmum minnu, u li bdiet biex tneħħi billi aċċediet b'inġenji fuq l-istess sit;

Tqis li l-fond jinsab fi Triq Notabile, fl-Imrieħel, fil-limiti ta' Ħ'Attard, u kien beda jittella' snin ilu bħala fond kummerċjali;

Tqis li l-fond ma huwiex kopert bil-permessi tal-iżvilupp u jinsab 'il barra minn żona ta' żvilupp[1];

Tqis li, matul is-snin[2], kienu saru talbiet biex jissanzjonaw l-iżvilupp li sar u biex jinħarġu l-permessi relattivi, imma dawn it-talbiet ma ntlaqgħux[3] u kien hemm sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati f'Mejju tal-1988[4] li kienet ordnat it-twaqqigħ tal-binja kollha li saret sa dak iż-żmien;

Tqis li, minn żmien ilu, ir-rikorrent kien iżomm fil-fond għadd ta' annimali għat-trobbija u bħala namra. Fil-post żdiedu xi benefikati u twassal is-servizz tad-dawl elettriku;

Tqis li fit-2 ta' Awwissu 2017[5], il-MEPA ħarġet kontra r-rikorrent Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq dwar xi żviluppi li saru fil-fond u wkoll tneħħija ta' ħamrija u skavar bla permessi, u ordnat lir-rikorrent li jreġġa' kollox lura kif kien qabel fi żmien sittax-il (16) jum minn dak l-Avviż;

Tqis li r-rikorrent ma ressaq l-ebda kontestazzjoni għall-imsemmi Avviż u lanqas reġġa' lura għal kif kien qabel dak li kien isemmi l-Avviż;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat[6];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li l-parti rikorrenti turi żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqilha tikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li trid turi hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnha. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li

[1] Dok "Ċ", f'paġ. 28 tal-atti
[2] Dok "L", f'paġġ. 43 – 4 tal-atti
[3] Dokti "G" u "J", f'paġġ. 34 – 5 u 40 tal-atti
[4] Dok "K", f'paġ. 42 tal-proċess
[5] Dok "B", f'paġ. 26 tal-atti
[6] Art. 873(1) tal-Kap 12

tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[7]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[8];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[9]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li r-rikorrent jgħid li l-jedd li, mad-daqqa t'għajn, irid iħares bit-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat huwa dak li ma jinġiebx fix-xejn il-proċess ta' trattattivi li jgħid li kienu għaddejjin bejnu u l-MEPA dwar is-sanzjonar tal-irregolaritajiet li ilhom jeżistu fil-fond sa minn qabel dan inxtara minn ibnu madwar seba' snin ilu;

Tqis li l-għaref difensur tar-rikorrent jgħid li r-rapport innifsu maħruġ mill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-MEPA meta aċċeda fuq is-sit f'Awwissu tal-2017, juri li l-irregolaritajiet li kienu nstabu fl-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq kienu tneħħew u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni għaliex l-azzjoni mnedija mill-MEPA għandha għalfejn titkompla;

Tqis li, fl-ewwel lok, l-Avviż li għalih jirreferi r-rikorrent huwa wieħed li nħareġ fl-1995 u t-tneħħija tal-irregolaritajiet li jsemmi r-rapport tal-Uffiċjal jirreferu għal dak l-Avviż u mhux għall-Avviż li dwaru l-MEPA nediet l-azzjoni ta' infurzar li jrid iżomm ir-rikorrent bil-Mandat tal-lum. Dawk l-irregolaritajiet

---

[7] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[8] Art. 875(3) tal-Kap 12
[9] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

qodma jidher li tneħħew wara azzjoni oħra ta' infurzar li l-MEPA għamlet f'Jannar tal-2017;

Tqis li, għall-finijiet tal-jedd li għandu jiġi mħares f'talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan, il-jedd irid ikun wieħed li min jitlob il-ħruġ tal-Mandat irid igawdi tabilħaqq. Kif sewwa jgħid l-għaref difensur tal-MEPA, jedd li jitħares bil-ħruġ tal-Mandat ma jistax ikun stat ta' illegalita' u lanqas jista' jinħareġ Mandat bħal dak biex iżomm fis-seħħ stat ta' ksur kontinwu tal-liġi[10];

Tqis li fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ir-rikorrent jistqarr li l-qagħda tal-fond li għandu f'idejh hija milquta minn irregolarita' u dan għaliex kieku ma kellu għalfejn jirrikorri għat-trattattivi biex jissanzjonahom;

Tqis li, minbarra dan, il-liġi tagħmilha ċara li l-MEPA tista' tidħol f'kull art jew żona tal-baħar biex twettaq azzjoni ta' infurzar u li, safejn tkun qiegħda titwettaq xi waħda minn dawn il-funzjonijiet tagħha, ma jistax jintalab u wisq anqas jinħareġ xi Mandat kawtelatorju kontriha biex iżommha milli twettaq setgħat bħal dawk[11], sakemm ma tkunx b'daqshekk tikser xi jedd fundamentali tal-persuna li tkun milquta minn dik l-azzjoni;

Tqis li dak li l-MEPA iddikjarat li fi ħsiebha tagħmel fil-fond imsemmi mir-rikorrent jaqa' taħt it-tifsira ta' atti jew għemejjel li hija tista' twettaq bis-saħħa ta' Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq li nħareġ kontrih, u għal liema azzjoni jgħoddu l-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi;

Tqis, għalhekk, li l-liġi nnifisha żżomm milli jinħareġ il-Mandat mitlub mir-rikorrenti f'dawn iċ-ċirkostanzi;

Tqis ukoll li r-rikorrent naqas li juri mad-daqqa t'għajn li għandu l-jedd li jżomm lill-MEPA milli tissokta l-azzjoni ta' infurzar li bdiet kontrih;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tastjeni** milli tqis aktar it-talba għall-ħruġ tal-Mandat fil-konfront tal-intimati Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi Ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika u tad-Dipartiment tal-*Animal Welfare*, ladarba r-rikorrent irrinunzja għall-atti fir-rigward tagħhom;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tas-17 ta' Jannar, 2018, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent provviżorjament;

---

[10] Ara P.A. SM **26.2.2016** fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Raymond Mifsud vs Awtorita' ta' Malta dwar l-mbjent u l-Ippjanar***; u P.A. AE **13.6.2016** fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Rosette Thake et noe vs L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta*** (fost oħrajn)

[11] Art. 100(3) tal-Kap 552

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat, billi mhix talba msejsa fil-liġi, **bl-ispejjeż** kontra l-istess rikorrent.

Mogħti kameralment illum, is-16 ta' Frar, 2018.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**